

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Diċembru 2019 – Impera vs EUIPO – Euro Games Technology (Flaming Forties)****(Kawża T-875/19)**

(2020/C 129/03)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Impera GmbH (Steinhaus, l-Awstrija) (rappreżentant: C. Straberger, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Euro Games Technology Ltd (Vranya-Lozen-Triugulnika, il-Bulgarija)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għal trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 761 769

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' Ottubru 2019 fil-Każ R 2321/2018-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tilqa' l-applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 16 761 769 tar-rikorrenti fl-intier tagħha jew alternattivament, tibgħat il-proċeduri lura lill-Bord tal-Appell;
- tordna lill-parti l-oħra fil-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell, jekk taġixxi bħala intervenjenti, tħallas l-ispejjeż tar-rikorrenti;
- tordna lill-EUIPO, jekk il-parti l-oħra fil-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell ma tkunx ġiet ikkundannata għall-ispejjeż, li tħallas l-ispejjeż tar-rikorrenti.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' Frar 2020 – Satabank vs BĊE****(Kawża T-72/20)**

(2020/C 129/04)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Satabank plc (St. Julians, Malta) (rappreżentant: O. Behrends, lawyer)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)

### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-BĊE tas-26 ta' Novembru 2019 li permezz tagħha l-BĊE jirrifjuta li jagħti aċċess għall-fajl tiegħu;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tmien motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq li l-BĊE naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni d-dritt sostantiv primarju tar-rikorrent ta' aċċess għall-fajl tiegħu.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq li d-deċiżjoni tal-BĊE hija bbażata fuq interpretazzjoni indebitament stretta tal-Artikolu 32(1) tar-Regolament (EU) Nru 468/2014<sup>(1)</sup>.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq li d-deċiżjoni tal-BĊE kisret id-dritt tar-rikorrent għal deċiżjoni motivata.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt ta' smieġh tar-rikorrent.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali.
6. Is-sitt motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.
7. Is-seba' motiv ibbażat fuq li l-BĊE kiser il-prinċipju ta' *nemo auditur*.
8. It-tmien motiv ibbażat fuq id-dritt għal rimedju effettiv skont l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' awtoritajiet nazzjonali nominati (ĠU 2014 L 141, p. 1).

## Rikors ippreżentat fl-10 ta' Frar 2020 – Ascenza Agro u Afrasa vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża T-77/20)

(2020/C 129/05)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Ascenza Agro, SA (Setúbal, il-Portugall) u Afrasa, SA (Paterna-Valencia, Spanja) (rappreżentanti: K. Van Maldegem u P. Sellar, lawyers u V. McElwee, Solicitor)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara r-rikors ammissibbli u fondat;
- tannulla l-att ikkontestat; <sup>(1)</sup> u
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.